# QORTI TA' L-APPELL

**IMHALLFIN**

**S.T.O. JOSEPH SAID PULLICINO B.A.(HONS.), LL.D. - PRESIDENT**
**ONOR. JOSEPH A. FILLETTI B.A. LL.D., A.R.HIST.S.**
**ONOR. FRANCO DEPASQUALE B.A. LL.D.**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha, 23 ta' Frar 2001.**

**Numru 26**

**Citaz. numru 489/94 AJM**

**Carmelo Grech**

**vs**

**John Leone Ganado u Joseph, Carmelo, Anthony u Nazzareno ahwa Farrugia u Ronald Gaerty**

**Il-Qorti;**

**<u>L-ATT TAC-CITAZZJONI</u>**

L-attur ipproceda kontra l-konvenuti b'dan l-att ta' citazzjoni :-

> "L-attur wara li ppremetta li huwa kien silef lill-konvenut John Leone Ganado s-somma komplessiva ta' seba' u erbghajn elf u sitt mitt lira Maltina (Lm47,600) u in garanzija tar-restituzzjoni tal-imsemmi kapital l-istess konvenut John Leone Ganado kien ipoteka favur l-imsemmi attur ipoteka generali u ipoteka specjali fuq il-Farmhouse, bl-art annessa mieghu imsejjha Dorrell Cottage, bla numru l-Wardija, limiti ta' San Pawl il-Bahar

kuntrada “tal-Facciol” sive ta’ Dorel tal-kejl l-farmhouse bl-art mieghu ta’ cirka elfejn u tmienja u disghin punt disa’ metri kwadri u kollox imiss minn nofsihar ma’ triq pubblika bla isem maghrufa Wardija Road, u mit-tramuntana u punent ma proprjeta’ ta’ Calcidonio Ciantar u rjieh ohra verjuri bhala suggett ghac-cens u subcens annwu u perpetwu ta’ tmienja w ghoxrin lira Maltin (Lm28) u dana skond kuntratt fl-atti tan-Nutar Dottor Joseph Cachia tal-21 ta’ Marzu 1981 kopja ta’ liema qed tigi hawn ezebita w immarkta Dok A, kif ukoll b’kuntratt iehor tal-11 ta’ Frar 1982 fl-atti tal-istess Nutar, b’liema gie rinunzjat it-terminu koncess favur l-istess debitur, liema kuntratt qed jigi esebit u mmarkat Dok B ; illi l-istess ipoteka specjali giet debitament insinwata fir-registru pubbliku bl-ipoteka specjali numru 1695/81 ; illi l-attur illum huwa kreditur tal-konvenut John Leone Ganado fis-somma komplessiva ta’ seba’ u erbghin elf u sitt mitt lira Maltija (Lm47,600) oltre l-imghax kummercjali li ddekorrew mid-data tal-pagament dovut fil-11 ta’ Frar 1982, sal llum; illi b’subbasta fid-9 ta’ Dicembru 1987 mizmuma taht l-awtorita’ tal-Qorti tal-Kummerc, il-fond fuq imsemmi gie liberat favur l-ahwa Farrugia hawn konvenuti ; illi b’kuntratt fl-atti tan-Nutar Dr. Paul Pullicino tad-19 ta’ Settembru 1991 dan il-fond gie trasferit mill-ahwa Farrugia favur il-konvenut Ronald Gaerty ; illi dan il-kreditu ta’ l-attur ghandu jiggrava l-proprjeta’ fuq imsemmija b’ipoteka specjali mill-effetti ta’ liema il-kompraturi qatt ma lliberaw lill-istess fond ; talab li din il-Qorti :-

tordna l-bejgh in subbasta tal-fond il-Farmhouse, bl-art annessa mieghu imsejjha Dorell Cottage, bla numru l-Wardija, limiti ta’ San Pawl il-Bahar kuntrada tal-Facciol sive ta’ Dorel tal-kejl l-farmhouse bl-art mieghu ta’ cirka elfejn u tmienja u disghin punt disa’ metri kwadri u kollox imiss minn nofsinhar ma’ triq pubblika bla isem maghrufa Wardija Road, u mit-tramuntata w punent ma’ proprjeta’ ta’ Calcidonio Ciantar u rjieh ohra verjuri, in esekuzzjoni tal-kreditu tal-attur munit b’ipoteka specjali kif fuq inghad u dan ghat-tenur tal-artikolu 2072 tal-Kodici Civili.

Bl-ispejjez.”

**<u>ECCEZZJONIJIET</u>**

<u>Il-konvenut Ronald Gaerty</u> hekk eccepixxa ghat-talbiet attrici :-

"1. Preliminarjament l-inkompetenza "ratione materiae' ta' dina l-Onorabbli Qorti stante illi l-konvenuti mhumiex kummercjanti u l-kwistjoni odierna ma titrattax att ta' kummerc.

2. Illi fit-tieni lok u minghajr pregudizzju l-gudizzju eventwali f'din il-kawza ma jistax ikun integru peress li ma gewx imharrka l-konjugi tal-konvenuti kollha.

3. Illi d-deskrizzjoni tal-proprjeta' li ta l-attur fic-citazzjoni ma taqbilx ma' dik li giet akkwistata mill-konvenuti Farrugia b'subbasta tad-9 ta' Dicembru 1987.

4. Illi l-esponent ghamel diversi benefikati fil-fond in kwistjoni kif ser jirrizulta ahjar waqt it-trattazzjoni tal-kawza."

<u>Il-konvenut Joseph Farrugia</u> taha l-istess eccezzjonijiet ghall-konvenut Gaerty pero' ghamel is-segwenti fil-kors tat-trattazzjoni tal-kawza eccezzjonijiet ulterjuri.

"1. Illi huwa ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju peress li m'huwiex terza possessur kif jirrikjedi l-art. 2071 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

2. In-nullita' tac-citazzjoni peress illi l-attur ma segwiex il-procedura dettata mill-art. 2072 tal-istess Kap 16.

3. Illi huwa jopponi l-bejgh tal-fond in kwistjoni peress illi f'idejn id-debitur jew garanti tieghu hemm beni ohra soggetti ghad-dejn li fuqu saret din il-kawza."

<u>Il-konvenuti Carmelo, Anthony u Nazzareno ahwa Farrugia</u> hekk eccipew ghat-talbiet attrici :-

"1. L-inkompetenza "ratione materiae" ta' din il-Qorti stante illi l-konvenuti m'humiex kummercjanti u l-kwistjoni odjerna ma titrattax att ta' kummerc.

2. Illi huma ghandhom jigu liberati mill-osservanza tal-gudizzju peress li huma m'humiex terz possessuri kif jirrikjedi l-artikolu 2071 tal-Kap 16.

3. In-nullita’ tal-proceduri peress li l-attur ma segwiex il-procedura dettata mill-art. 2072 tal-istess Kap 16.

4. Li l-gudizzju eventwali f’dina l-kawza ma jistax ikun integru peress li ma gewx imharrka l-konjugi tal-konvenuti kollha.

5. Illi l-konvenuti jopponu ghall-bejgh tal-fond in kwistjoni peress li f’idejn id-debitur jew garanti tieghu hemm beni ohra soggetti ghad-dejn li fuqu saret din il-kawza.

6. Illi d-deskrizzjoni tal-proprjeta’ li ta l-attur fic-citazzjoni ma taqbilx ma’ dik li giet akkwistata b’subbasta fid-9 ta’ Dicembru 1987.

7. Illi l-esponenti ghamlu diversi benefikati fil-fond in kwistjoni kif ser jirrizulta ahjar waqt it-trattazzjoni tal-kawza.”

**VERBAL**

Fl-udjenza tad-9 ta’ Ottubru 1995, giet irtirata mill-konvenuti l-eccezzjoni tal-inkompetenza tal-Qorti Civili Prim’Awla.

**ECCEZZJONIJIET ULTERJURI**

Waqt it-trattazzjoni tal-kawza il-konvenut Ronald Gaerty eccepixxa ulterjorment li l-attur kien ha sehem fis-subbasta tad-9 ta’ Dicembru 1987 u ghalhekk ma setax jikkonwovi l-prezenti azzjoni ipotekarja.

**VERBAL TAL-11 TA’ DICEMBRU 1996**

F'dan il-verbal il-konvenuti talbu li tinghata sentenza fuq tlett eccezzjonijiet minnhom sollevati li jolqtu l-validita' tal-proceduri taht ezami. Dawn kienu :-

(a) L-ahhar eccezzjoni ulterjuri moghtija u cioe' li l-attur kien ha parti u offra fis-subbasta in kwistjoni u ghalhekk ma setax jipproponi hu f'din il-kawza.

(b) Li l-konvenuti Anthony, Nazzareno u Carmel Farrugia ma kienux gew notifikati bil-protest gjudizzjarju ai termini tal-artikolu 2072 tal-Kap 16.

(c) Illi n-nisa tal-konvenuti ma kienux parti in kwaza.

F'dik is-seduta gie verbalizzat ukoll illi l-partijiet jaqblu li l-konvenut Gaerty kien xtara l-proprjeta' in kwistjoni minghand l-ahwa Farrugia fid-19 ta' Settembru 1991 in atti nutar Paul Pullicino.

**ATTI TAS-SUBBASTA**

Din il-Qorti ezaminat ukoll l-atti tas-subbasta li pprovokat din l-istanza.

**DECIDE**

B'sentenza tas-6 ta' Gunju 1997, il-Prim'Awla tal-Qorti Civili ddecidiet il-kawza billi filwaqt li laqghet l-ahhar eccezzjoni, ulterjuri, moghtija mill-konvenut Ronald Gaerty, iddikjarat l-azzjoni attrici bhala nulla u konsegwentement cahdet it-talbiet attrici bl-ispejjez kontra l-attur.

**MOTIVAZZJONI TAS-SENTENZA APPELLATA**

L-ewwel Qorti hekk immotivat is-sentenza taghha :-

> "Qed jigi eccepiet fl-ewwel lok li l-attur kien ha parti u offra fis-subbasta tal-fond in kwistjoni u ghalhekk ma jsitax jipproponi din il-kawza.
>
> In sostenn ta' din l-eccezzjoni li, jekk tigi milqugha tiddefinixxi finalment id-drittijiet tal-attur, gie sottomess li kif jidher mid-dokument (Dok RG1) ezebit fis-seduta tal-11 ta' Dicembru 1996, li l-attur mhux biss offra prezz ghall-proprjeta; meta din kienet qed tinbiegh bis-subbasta in kwistjoni, izda wkoll kiser il-kwindena billi rega offra prezz iehor, ghalkemm il-proprjeta' eventwalment giet assenjata lill-konvenuti ahwa Farrugia.
>
> Illi effettivament mid-dokument a fol 54 tal-process jirrizulta li l-fond in kwistjoni gie definittivament liberat favur l-ahwa Farrugia versu l-prezz offrut ta' Lm20,500 u dana wara li fl-istess subbasta Charles Grech, l-attur, ha sehem u offra ghall-istess fond is-somma ta' Lm20,000.
>
> Illi fis-sentenza moghtija mill-Onor, Qorti ta' l-Appell fit-28 ta' Gunju 1918 fil-kawza fl-ismijiet "Mariano Busuttio et vs Dr. Robert Naudi" li wkoll saret referenza ghaliha fis-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili tas-27 ta' Marzu 1996 fil-kawza fl-ismijiet "Joseph M. Formosa noe vs Raymond Agius et" intqal hekk :
> "che' pero' l-esercizio dell-azione Ipotecaria, non e' accordto a quei creditori i quali avessero avuto parte nelle procedure di subbasta perche' per tali creditori la legge presume che il-prezzo ricavato sia il-giusto prezzo e la legge loro accorda altre azioni ed altri rimedi in cautela dei loro diritti e pel soddisfacimenti di tali diritti."

> L-azzjoni ipotekarja hija azzjoni sperimentali fis-sens li l-kreditur ipotekarju jipprova jgib prezz ahjar mill-bejgh tal-fond sabiex jigi soddisfatt il-kreditu tieghu. Izda dan dejjem suggett ghall-pregradwazzjoni ta' kredituri ipotekarji li ghandhom precedenza fuq il-kreditur li jkun qed jittanta azzjoni simili. Ghalhekk jekk l-istess kreditur li jkun qed jagixxi a terminu ta' l-artikolu 2072 tal-Kap 16 jirrizulta li jkun ippartecipa u offra fl-okkazzjoni tal-bejgh bis-subbasta tal-fond milqut bl-ipoteka, u b'hekk ikun soddisfatt li l-prezz rikavat kien realistiku, ma jistax fi stadju ulterjuri jippretendi li dak l-istess fond jerga' jinbiegh.
>
> Ghal din ir-raguni l-Qorti ser tilqa' l-eccezzjoni tal-konvenut Gaerty u konsegwentement it-talba attrici tigi michuda. In vista ta' dan, din il-Qorti mhux ser tezamina l-eccezzjonijiet preliminari l-ohra sollevati mill-konvenut."

**<u>KONSIDERAZZJONIJIET TA' DIN IL-QORTI</u>**

Minn din is-sentenza appella l-attur. L-ewwel ilment tieghu hu illi l-konvenuti ma gabux provi sufficjenti sabiex juru illi hu ha sehem fil-proceduri ghal bejgh ta' subbasta. Din il-prova kienet tinkombi fuqhom u kellha twassal ghall-konvinciment li l-attur effettivament ikkonkorra fis-subbasta. Dik il-prova ma saritx u ma hemm l ebda certezza dwar l-identita' tal-partijiet li suppost hadu sehem fis-subbasta. Dan l-aggravju huwa ghal kollox insostenibbli.

Il-partecipazzjoni tal-appellant fil-kors tas-subbasta tal-immobbli ipotekata favur tieghu tirrizulta abbondantament mill-atti tal-istess subbasta li estratt taghhom gie ezebit f'dawn l-atti u li l-original taghhom kienu ghad-disposizzjoni tal-Qorti. Ma jista' jkun hemm l-ebda dubju mill-identita' ta' Charles Grech illi fid-9 ta' Dicembru 1987, ghamel

offerta ghall-immobbli de quo meta ssejhet is-subbasta fil-kurituri tal-Qorti. F'dik l-ewwel okkazjoni, l-fond kien gie aggudikat u liberat favur l-ahwa Farrugia, konvenuti ta' dan il-process.

Jirrizulta wkoll mill-atti illi fil-kors ta' dak il-bejgh fis-subbasta tal-istess appellant kien wiehed minn dawk illi kiser il-kwinderra, billi offra prezz ghola minn dak offert, anke jekk l-fond gie eventwalment liberat lill-haddiehor. Hu notat ukoll illi dan l-aggravju hu in kontrast mal-kumplament tal-aggravju fir-rikors tal-appell li hu kollu mibni fuq is-presuppost illi l-appellant ippartecipa attivament fis-subbasta li tat lok ghall-prezenti istanza u li tali fatt ma kien bl-ebda mod jippregudika d-drittijiet ipoketarji tieghu jew il-jedd tieghu li jippromwovi l-azzjoni ipotekarja sperimentali. Dan l-aggravju qed jigi ghalhekk respint.

L-appellant jissottometti wkoll illi anke jekk hu ha sehem f'dawn il-proceduri, il-privilegg specjali ma giex estint peress li skond l-artikolu 2069 tal-Kodici Civili "il-kredituri li ghandhom privilegg jew ipoteka inskritti, jzommu fuq l-immobbli, suggett ghall-privilegg jew ghall-ipoteka, l-jedd taghhom li jigu gradwati u mhallsin skond l-ordni tal-krediti jew ta' l-iskrizzjoni taghhom, jkunu ghand min ikunu ghaddew dawn il-beni". Filwaqt li l-ligi tipprovdi fl-artikolu 2084 tal-Kodici Civili erba' mezzi kif jispiccaw il-privileggi ipoteki, dan l-artikolu ma jsemmix il-bejgh b'subbasta bhala mezz ta' kif jispicca privilegg.

Hu korrett il-principju li, bhala regola, hu permess ghal kull kreditur ipotekarju li jitlob il-bejgh gjudizzjarju ta' fond ipotekat kif hi wkoll regola tad-dritt illi l-bejgh fis-subbasta ma jaghtix lill-kompatur drittijiet ta' proprjeta' anqas vulnerabbli minn dawk mahluqa f'bejgh f'kuntratt bejn possessur u iehor. Hu minnu wkoll illi s-subbasta wehidha ma kienitx bizzejjed biex definittivament tipprova illi kien ingieb l-ahjar prezz possibbli ghal-oggett mibjugh u kien ghalhekk illi l-ligi tikkontempla l-possibbilita' li tigi ezercitata subbasta sperimentali anke wara li l-immobbli jkun gie liberat bil-process gjudizzjarju favur haddiehor. Dan ifisser illi fl-artikolu 2072 tal-Kodici Civili li jipprovdi li l-kreditur ghandu d-dritt li jitlob il-bejgh b'subbasta kontra t-terza persuna fil-pussess, ma kienx jeskludi l-possibbilita' li din it-terza persuna tkun effettivament qed tipposjedi l-fond b'titolu li akkwistat tramite liberazzjoni fi procedura ta' subbasta. Dan ghaliex il-bejgh gjudizzjarju ma jestingwixxi d-dritt ta' l-ipoteka kompetenti lill-kreditur ipoketarju fuq l-immobbli mibjugh. Dan proprju ghaliex "il-kredituri li ghandhom privilegg jew ipoteka inskritti, jzommu <u>fuq l-immobbli suggett</u> ghall-privilegg jew ghall-ipoteka l-jedd taghhom li jigu gradwati u mhallsin skond l-ordni tal-kreditu jew ta' l-iskrizzjoni taghhom, ikunu ghand <u>min ikunu ghaddew dawn il-beni</u>." (artikolu 2069 tal-Kap 16).

Il-ligi tiggarantixxi dan id-dritt ta' kreditu li jibqa' jsegwi l-proprjeta' ipotekata favur tieghu u takkardalu l-protezzjoni tal-gradwazzjoni tal-jedd tieghu. Dan naturalment sakemm ikun gie ezawrit il-process biex

jigi stabbilit il-valur veru li l-mobbli kellu jirrejalizza biex jigi assigurat li rikavat ikun gie mhallas skond l-ordni tal-krediti jew tal-iskrizzjoni taghhom. Ezawrit dak il-process, kien fl-interess tal-partijiet kollha interessati, mhux lanqas tal-istess kredituri, li l-vendita gjudizzjarja tigi finalment konkluza u l-fond definittivament liberat lil min ikun offra u hallas il-prezz gust tal-immobbli. Ir-“ratio legis” tal-azzjoni ta’ subbasta ipoketarja sperimentali hu allura dak biss li jassigura li kull kreditur ipoketarju jkollu l-opportunita’ illi jippartecipa fil-process ta’ dan il-bejgh gjudizzjarju b’mod li jkun jista’ jivverifika mhux biss il-korrettezza ta’ tali proceduri imma wkoll li fihom ikun sar dak kollu li seta’ jsir biex il-fond jigi rejalizzat bl-ahjar prezz, inkluza l-opportunita’ lilu nnifsu li joffri prezz ghas-sodisfazzjon tal-kreditu tieghu. L-azzjoni allura ma hi bl-ebda mod immirata ghall-estenzjoni ta’ xi ipoteka specjali jew privilegg ta’ xi kreditur, kif donnu jissuggerixxi l-appellant. L-ipoteka specjali u l-privilegg jibqghu hemm indipendentement minn min l-azzjoni tal-bejgh gjudizzjarju tkun tigi provokata. F’kull kaz irikavat ta’ dak il-bejgh jigi eventwalment imhallas skond l-ordni tal-krediti jew l-iskrizzjoni taghhom u l-attur kien f’kull kaz jippartecipa f’dak ir-rikavat jekk il-gradwazzjoni tieghu tkun hekk tippermettielu u tiggarantilu.

Kien proprju fis-skorta ta’ dawn il-principji illi evolviet il-gjurisprudenza illi fuqha l-ewwel Qorti gjustament ibbazat id-decizjoni taghha u illi l-appellant jidher li qieghed jikkontesta. Gjurisprudenza li pero’ ssib l-gheruq taghha anki ferm aktar ‘il boghod minn dak accennat fis-

sentenza appellata. Jinghad infatti fil-Cremona – "Rakkolta della gjurisprudenza sul Codice di Procedura Civile, Vol Primo pgs 637 et seq, illi "La vendita giudiziale non estingue il diritto d'ipoteca competente sull'immobile venduto al creditore, il quale non provoco' la subasta e non fu intimato degli atti della stessa, Nel Diritto Romano la remissione dell'ipoteca nelle vendite giudiziali, ritenevasi seguita ove i creditori presenti alla vendita, dopo esserne intimati, non vi si fossero opposti : Si eo tempore qua praedium distrahebatur, programmate admoniti creditores, quum preasentes essent, jus suum executi non sunt, possunt videri ogligationem pignoris amisisse. L. 6. Cod. de remiss. pign. Res pignoris, citra consesum eorum debitores alienantes praecedentem non dissolvunt obligationem L. 10 eod, tit". U jekk il-kredituri prezenti ghas-subbasta jitqiesu li ezawrew id-dritt taghhom li jagixxu bis-sahha tal-ipoteka billi sempliciment ma jopponux ghall-proceduri, multo magis kellu hekk jigri fil-kaz fejn mhux biss ikunu prezenti imma jkunu attivament ippartecipaw fil-proceduri tal-bejgh billi tefghu l-offerta taghhom u anke kkontestaw il-liberazzjoni favur terzi billi jkissru il-kwindena.

L-atti tas-subbasta in kwistjoni infatti juru illi l-attur appellant ripetutament intrometta ruhu f'dawk il-proceduri b'rikors fuq rikors biex jinkontesta anke l-validita' tal-bejgh minhabba difett ta' notifika tad-debitur fil-procedura li fiha eventwalment, kif inghad, attivament ippartecipa. Ma jistax allura hu stess issa jippretendi illi l-prezz rikavat

fis-subbasta ma kienx wiehed gust jew ma kienx rejalistiku. Certament kien prezz li jizboq dak minnu stess offert bhala li kien il-valur oggettiv tal-immobbli mibjugh.

Din il-Qorti ma tara xejn fl-aggravju tal-appellant li jgaghla tiddiskosta ruhha mill-interpretazzjoni moghtija minn dawn il-Qrati fid-disposizzjonijiet ta' ligi taht ezami. H nterpretazzjoni illi tinkwadra ruhha perfettament fil-funzjoni li l-ligi taghti lill-Qrati biex jassiguraw gustizzja kemm mad-debitur kif ukoll mal-kredituri ipoketarji billi jigi accertat illi l-immobbli li jkun gie ipotekat in garanzija tal-kredituri jirrealizza tramite l-bejgh gjudizzjarju l-valur gust tieghu fis-suq biex dan jithallas lill-kredituri skond il-gradwazzjoni tal-krediti taghhom.

Jinghad finalment fir-rikors tal-appell illi l-appellant kreditur kien qed jezercita d-dritt tieghu skond l-artikolu 2072 tal-Kodici Civili li jitlob il-bejgh b'subbasta kontra terza persuna fil-pussess. L-appellant jissottometti illi dan l-artikolu jsemmi biss zewg kundizzjonijiet :-

1. Li l-kreditur ghandu jaghmel protest fejn jitlob lid-debitur sabiex ihallas is-somma dovuta minnu, u lit-terza persuna fil-pussess sabiex jew thallas l-istess ammont jew jirrilaxxa l-immobbli u

2. Li c-citazzjoni ma ssirx qabel ma jghaddu tletin gurnata minn notifika.

Jissottometti li din il-procedura giet segwita mill-attur. L-appellati jsostnu li dan mhux minnu u li fil-fatt l-appellant ma gab l-ebda prova li huwa segwa din il-procedura.

Din il-Qorti wkoll attentament ezaminat l-atti u minn imkien ma jirrizulta li l-appellant ghamel dak li hu stess jghid li proceduralment tassattivament kellu jaghmel. M'hemm l-ebda riferenza jew prova illi sar il-protest li skond hu kien dovut jaghmel qabel il-prezentata tac-citazzjoni. Lanqas biss m'hemm riferenza ghalih fil-premessi tal-att tac-citazzjoni u lanqas fit-talba fir-rigward tal-kap tal-ispejjez. Wisq anqas hemm xi prova tad-data tan-notifika ta' dan l-istess protest, jekk sar, u din il-Qorti allura mhix f'posizzjoni li tistabilixxi jekk verament l-appellant agixxiex skond kif kien obbligat li jaghmel skond dan l-artikolu u dana fit-terminu stabbilit. Prova din li kienet certament tispetta lilu u li kellu f'kull kaz jipproduci quddiem l-ewwel Qorti anki in vizta tal-eccezzjonijiet espressament moghtija mill-konvenuti f'dan ir-rigward. Din l-ahhar konsiderazzjoni qed issir ex abbundantia kawtelae u minghajr ma tnaqqas mill-effikacja tal-konsiderazzjonijiet anterjuri in sostenn ta' dak li sewwa ddecidiet l-ewwel Qorti.

Ghal dawn il-motivi, l-appell qed jigi michud bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-appellant.

Dep/Reg

mg